



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0441/2011

8.12.2011

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi
Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)
(COM(2011)0516 – C7-0226/2011 – 2011/0223(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Louis Michel

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI	7
PROĊEDURA.....	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)
(COM(2011)0516 – C7-0226/2011 – 2011/0223(COD))

(proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0516),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7 0226/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0441/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relatat mal-acquis ta' Schengen fi ħdan it-tifsira **tal-Artikolu 3(2)** tal-Att tal-Adezzjoni tal-2003.

Emenda

(10) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relatat mal-acquis ta' Schengen fi ħdan it-tifsira **tal-Artikolu 3(1)** tal-Att tal-Adezzjoni tal-2003.

Ġustifikazzjoni

Il-premessi 10 u 11 għandhom isegwu l-istess loġika tal-premessa 38 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u jirreferu rispettivament għall-Artikolu 3(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 u għall-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 peress li d-dispożizzjonijiet dwar il-viżi ta' transitu tal-ajruport huma vinkolanti u japplikaw għal Ċipru, ir-Rumanija u l-Bulgarija mid-data tal-adeżjoni.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relatat mal-acquis ta' Schengen fit-tifsira ***tal-Artikolu 4(2)*** tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005,

Emenda

(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relatat mal-acquis ta' Schengen fit-tifsira ***tal-Artikolu 4(1)*** tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005,

Ġustifikazzjoni

Il-premessi 10 u 11 għandhom isegwu l-istess loġika tal-premessa 38 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u jirreferu rispettivament għall-Artikolu 3(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 u għall-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 peress li d-dispożizzjonijiet dwar il-viżi ta' transitu tal-ajruport huma vinkolanti u japplikaw għal Ċipru, ir-Rumanija u l-Bulgarija mid-data tal-adeżjoni.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-għan tal-proposta huwa li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), sabiex jiġu ċċarati r-regoli dwar it-tranżitu miż-żona internazzjonali tal-ajruporti, ħalli jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trasparenza.

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 ilu japplika mill-5 ta' April 2010. F'konformità mal-Kodiċi dwar il-Viżi, ġew imfassla istruzzjonijiet dwar l-applikazzjoni Prattika tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Manwal għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ta' viżi u l-modifika tal-viżi maħruġa, li ġiet adottata fid-19.3.2010.

Matul it-tfassil tal-Manwal, ġie kkonstatat li l-formulazzjoni tal-Artikolu 3(5)(b) u (c) li jikkonċernaw l-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' viża ta' tranżitu tal-ajruport (VTA) ma kinitx ċara: Peress li l-Manwal ma jistax johlq obbligi vinkolanti fuq l-Istati Membri, huwa neċessarju li jiġi emendat il-Kodiċi dwar il-Viżi biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-applikazzjoni armonizzata tar-regoli. Tali kjarifika hi ta' importanza Prattika għall-vjaġġaturi individwali u għall-kumpaniji tal-linji tal-ajru.

L-aspetti koperti mill-proposta ġew diskussi fil-Kumitat dwar il-Viżi u fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viżi u l-Istati Membri laqgħu l-fatt li l-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva għal emenda limitata tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Skont ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma suġġetti għar-rekwiżit ta' viża ta' tranżitu tal-ajruport li jkollhom viża valida maħruġa minn Stat Membru, mill-Kanada, mill-Ġappun jew mill-Istati Uniti tal-Amerika jew li jkollhom permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat Membru, mill-Andorra, mill-Kanada, mill-Ġappun, minn San Marino jew mill-Istati Uniti tal-Amerika, huma eżentati mir-rekwiżit ta' viża ta' transitu tal-ajruport.

Il-proposta hi limitata għal emenda teknika li tikkonsisti f'li jiġi kjarifikat li:

- iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom viża valida jew permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat Membru li s'issa ma japplikax id-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen għandhom jiġu koperti mill-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' VTA;
- l-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' VTA tkopri l-persuni li jkollhom viża valida meta jivvjaġġaw lejn il-pajjiż terz li jkun ħareġ il-viża, lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor, u meta dawn jirritornaw mill-pajjiż terz li jkun ħareġ il-viża, wara li jkunu użaw din il-viża.

Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur ifakkar li din hija korrezzjoni teknika tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-viża ta' transitu tal-ajruport (VTA). Din il-korrezzjoni mhux se tbiddel il-Prattika tal-Istati Membri. L-emenda tar-Regolament tipprevedi li iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom viża valida jew permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat Membru li ma japplikax (jew li s'issa għadu ma japplikax) id-dispożizzjonijiet kollha ta' Schengen (ir-Renju Unit, l-Irlanda, Ċipru, il-Bulgarija u r-Rumanija) ikunu eżenti mir-rekwiżit li jkollhom viża ta' transitu tal-

ajruport.

Ir-rapporteur iqis li l-emenda hija loġika. huwa fil-fatt inutili li tiġi kkontrollata għal darb'oħra persuna li diġà għandha viża jew permess ta' residenza peress li din il-persuna diġà għet ikkontrollata qabel u, f'dan ir-rigward, diġà kien stabbilit li, fir-rigward tagħha, ma hemmx riskju ta' immigrazzjoni illegali. Barra minn hekk, il-proposta għandha wkoll tnaqqas il-piż amministrattiv tal-Istati Membri.

Ir-rapporteur jipproponi żewġ emendi tekniċi intiżi sabiex jikkorreġu l-premessi 10 u 11 tal-proposta.

Ir-rapporteur jappoġġa l-proposta u jipproponi li l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jadotta din ir-risoluzzjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi		
Referenzi	COM(2011)0516 – C7-0226/2011 – 2011/0223(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	19.8.2011		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.9.2011		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Louis Michel 11.10.2011		
Eżami fil-kumitat	7.11.2011	29.11.2011	5.12.2011
Data tal-adozzjoni	5.12.2011		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	39 2 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Emine Bozkurt, Simon Busuttil, Philip Claeys, Carlos Coelho, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Tanja Fajon, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Juan Fernando López Aguilar, Véronique Mathieu, Louis Michel, Jan Mulder, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Csaba Sógor, Rui Tavares, Axel Voss, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Ioan Enciu, Nadja Hirsch, Iliana Malinova Iotova, Ádám Kósa, Raül Romeva i Rueda, Marie-Christine Vergiat		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Veronica Lope Fontagné, Barbara Matera, Licia Ronzulli, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská		
Data tat-tressiq	8.12.2011		